II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1242

tal-1 ta' Settembru 2020

li jestendi d-deroga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 fir-rigward tad-distanza minima mill-kosta kif ukoll il-fond minimu li jingħataw lit-tartaruni li jistadu għall-makku (*Aphia minuta*) fl-ilmijiet territorjali Spanjoli tal-Komunità Awtonoma tar-Reġjun ta' Murcia

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 jipprojbixxi l-użu ta' tagħmir irmunkat sa tliet mili nawtiċi mill-kosta jew sa livell ta' fond ta' 50 m meta dak il-fond jintlaħaq 'il ġewwa minn dik id-distanza mill-kosta.

(2) Fuq talba ta' xi Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tippermetti deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006, dment li jintlaħqu għadd ta' kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(5) u (9).

(3) Għall-ewwel darba, ingħatat deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) għall-użu tal-bastimenti tas-sajd bit-tartarun għall-makku (*Aphia minuta*) fl-ilmijiet territorjali Spanjoli tal-Komunità Awtonoma tar-Reġjun ta' Murcia, sal-31 ta' Diċembru 2016, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 773/2013 ([2]). Dik id-deroga kienet ibbażata fuq deroga addizzjonali mid-daqs minimu tal-malji adottata minn Spanja skont l-Artikolu 9(7) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 minħabba li mingħajru s-sajd rilevanti ma setax iseħħ u kien ikollu sempliċiment jieqaf.

(4) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/677 ([3]), ingħatat estensjoni tad-deroga sal-31 ta' Diċembru 2019, filwaqt li tqies il-pjan ta' ġestjoni għas-sajd li għalih ġiet applikata d-deroga stabbilita minn Spanja skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

(5) Spanja ressqet rapporti xjentifiċi dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-pjan ta' ġestjoni fl-2017, fl-2018 u fl-2019.

([1]) ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 773/2013 tat-12 ta' Awwissu 2013 li jistabbilixxi deroga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar id-distanza minima mill-kosta u l-fond minimu tal-baħar għas-sajd mit-tartaruni għall-makku (*Aphia minuta*) f'ċerti ilmijiet territorjali ta' Spanja (Murcia) (ĠU L 217, 13.8.2013, p. 28).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/677 tal-10 ta' April 2017 li jestendi d-deroga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar id-distanza minima mill-kosta u l-fond minimu awtorizzati għat-tartaruni li jintużaw għas-sajd tal-makku (*Aphia minuta*) f'ċerti ilmijiet territorjali ta' Spanja (Murcia) (ĠU L 98, 11.4.2017, p. 4).

(6) Fis-26 ta' Ġunju 2019, Spanja talbet lill-Kummissjoni testendi d-deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2019. Spanja pprovdiet abbozz tal-pjan ta' ġestjoni l-ġdid li jirregola s-sajd għall-makku (*Aphia minuta*) fl-ilmijiet interni tar-Reġjun ta' Murcia f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 u pprovdiet informazzjoni aġġornata biex tiġġustifika t-tiġdid tad-deroga.

(7) F'Settembru 2019, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) ivvaluta t-talba għal estensjoni tad-deroga u l-abbozz tal-pjan ta' ġestjoni relatat ([4]). L-STECF ikkonkluda li l-pjan ta' ġestjoni tat-tartaruni fir-Reġjun ta' Murcia fil-perjodu 2016–2019 ġie implimentat kif suppost, u li l-kundizzjonijiet li fuqhom ingħatat id-deroga rigward id-distanza minima mill-kosta u l-fond minimu fl-2016 baqgħu jiġu ssodisfati. L-STECF jinnota li l-irkaptu tas-sajd jidher li huwa selettiv ħafna.

(8) Fil-21 ta' Diċembru 2019, Spanja adottat dan il-pjan ta' ġestjoni l-ġdid ([5]).

(9) Id-deroga li talbet Spanja tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(5) u (9) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

(10) Jeżistu limitazzjonijiet ġeografiċi speċifiċi meta wieħed iqis id-daqs limitat tal-blata kontinentali u d-distribuzzjoni spazjali tal-ispeċi fil-mira, li hija limitata esklussivament għal ċerti żoni fiż-żoni kostali f'fond li jkun anqas minn 50 metru.

(11) Is-sajd ma għandu l-ebda impatt sinifikanti fuq l-ambjent tal-baħar, peress li t-tartaruni jinġibdu fil-kolonna tal-ilma u ma jmissux qiegħ il-baħar. Permezz tal-użu tal-ekosondi, is-sajd huwa selettiv ħafna bi ftit qabdiet inċidentali. Barra minn hekk, il-qabdiet mhux mixtieqa jintelqu immedjatament u ħajjin, b'sopravvivenza għolja ħafna.

(12) Id-deroga li talbet Spanja tolqot għadd limitat ta' 27 bastiment biss.

(13) Is-sajd ma jistax isir b'tagħmir ieħor, minħabba li t-tartaruni huma l-uniku tagħmir regolat li għandu l-permess li jaqbad speċijiet żgħar daqs il-makku u bi mġiba ta' ġliba f'ilmijiet kostali baxxi.

(14) Il-bastimenti huma rreġistrati fiċ-Ċensiment tal-Flotta tas-Sajd Nazzjonali Operazzjonali Spanjola, għandhom esperjenza f'dan it-tip ta' sajd ta' aktar minn ħames snin u se joperaw taħt pjan ta' ġestjoni.

(15) Il-pjan ta' ġestjoni jiggarantixxi li fil-ġejjieni ma jiżdiedx l-isforz tas-sajd, billi l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd se jinħarġu biss lil 27 bastiment speċifiku u se jinvolvu kapaċità massima ta' 116 Hp għal kull bastiment. Is-sajd ikompli jseħħ fil-jiem tax-xogħol (mit-Tnejn sal-Ġimgħa) matul Diċembru, Jannar u Frar. Barra minn hekk, il-kwota massima għal kull staġun tas-sajd tnaqqset għal 18,2 tunnellata. Abbażi tal-pjan ta' ġestjoni, jekk jinqabeż, is-sajd jingħalaq sal-istaġun li jkun imiss.

(16) Is-sajd ikkonċernat jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 li, permezz ta' deroga, jippermetti s-sajd 'il fuq mill-ħabitati protetti jekk is-sajd isir mingħajr ma jintmess il-qiegħ tal-algi f'ċerti kundizzjonijiet.

(17) Barra minn hekk, is-sajd ikkonċernat irid ikun tali li ma setax iseħħ mingħajr deroga mid-daqs minimu tal-malji applikabbli.

(18) Madankollu, minħabba li s-sajd ikkonċernat huwa selettiv, għandu effett negliġibbli fuq l-ambjent tal-baħar, u mhux affettwat mid-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 4(5) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006, Spanja fil-passat awtorizzat id-deroga mill-qies minimu tal-malji msemmi fl-Artikolu 9(7) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

([4]) Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF). Management Plan for boat seines in Murcia, Spain [Pjan ta' Ġestjoni għat-tartaruni f'Murcia, Spanja] (STECF-19-19). Publications Office of the European Union, Lussemburgu, 2019, ISBN 978-92-76-11879-4, doi:10.2760/890396, JRC118074.

([5]) "Orden de 19 de diciembre de 2019, de la Consejería de Agua, Agricultura, Ganadería, Pesca y Medio Ambiente, por la que se regula la pesquería del chanquete (*Aphia minuta*) en aguas interiores de la Región de Murcia", Ġurnal Uffiċjali tar-Reġjun ta' Murcia, numru 294, 21.12.2019, p. 35423.

(19) L-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 tħassar permezz tar-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]). Madankollu, skont il-punt 4, il-parti B tal-Anness IX tar-Regolament (UE) 2019/1241, id-derogi minn daqsijiet minimi tal-malji adottati abbażi tal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006, li kienu fis-seħħ fl-14 ta' Awwissu 2019, jistgħu jkomplu japplikaw, sakemm ma jwasslux għal żieda fil-qabdiet ta' ħut li għadu qed jikber. Id-deroga estiża mitluba minn Spanja tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 15(5) u fil-punt 4 tal-Parti B tal-Anness IX tar-Regolament (UE) 2019/1241, peress li ma twassalx għal deterjorament tal-istandards ta' selettività, b'mod partikolari f'termini ta' żieda fil-qabdiet ta' ħut li għadu qed jikber, eżistenti fl-14 ta' Awwissu 2019, u għandha l-għan li tikseb l-objettivi u l-miri stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4 ta' dak ir-Regolament.

(20) L-attivitajiet tas-sajd ikkonċernati jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ([7]).

(21) Is-sajd ikkonċernat jitwettaq f'distanza qasira ħafna mill-kosta u għaldaqstant ma jfixkilx l-attivitajiet tas-sajd ta' bastimenti oħra.

(22) Is-sajd ikkonċernat huwa regolat fil-pjan ta' ġestjoni ta' Spanja li jiżgura li l-qabdiet tal-ispeċijiet imsemmijin fl-Anness IX tar-Regolament (UE) 2019/1241 ikunu minimi.

(23) Is-sajd bit-tartaruni ma għandux fil-mira ċ-ċefalopodi.

(24) Il-pjan ta' ġestjoni Spanjol fih miżuri għall-monitoraġġ tas-sajd, f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13 (9) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

(25) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-deroga mitluba tingħata.

(26) Spanja jenħtieġ li tirrapporta lill-Kummissjoni fi żmien xieraq u f'konformità mal-pjan ta' monitoraġġ previst fil-pjan ta' ġestjoni Spanjol.

(27) B'limitu fid-durata tad-deroga jkunu jistgħu jittieħdu miżuri ta' ġestjoni korrettivi fil-pront, f'każ li l-monitoraġġ tal-pjan ta' ġestjoni jkun juri status ta' konservazzjoni dgħajjef għall-istokk sfruttat, filwaqt li jkun hemm lok li tissaħħaħ il-bażi xjentifika għal pjan ta' ġestjoni mtejjeb. Għalhekk, it-tmiem tad-deroga jenħtieġ li jiġi stabbilit fi tmiem l-istaġun tas-sajd. Għaldaqstant, jenħtieġ li d-deroga tkun tapplika sal-1 ta' Marzu 2023.

(28) Peress li d-deroga mogħtija mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/677 skadiet fil-31 ta' Diċembru 2019, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità legali, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika b'effett mill-1 ta' Jannar 2020. Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ b'urġenza.

(29) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Deroga

L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 ma għandux japplika fl-ilmijiet territorjali Spanjoli tal-Komunità Awtonoma tar-Reġjun ta' Murcia għas-sajd għall-makku (*Aphia minuta*) bit-tartaruni li jintużaw mill-bastimenti li jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) li jkunu rreġistrati f'ċensiment marittimu ġestit mid-Direttorat Ġenerali għall-Agrikultura, il-Bhejjem, is-Sajd u l-Akkwakultura tal-Komunità Awtonoma tar-Reġjun ta' Murcia;

([6]) Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105).

([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

(b) li jkollhom esperjenza dimostrabbli fis-sajd ta' aktar minn ħames snin u li ma huma involuti fl-ebda żieda futura fl-isforz tas-sajd previst;

(c) li għandhom awtorizzazzjoni għas-sajd u li joperaw skont il-pjan ta' ġestjoni li adottat Spanja skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

Artikolu 2

Pjan ta' monitoraġġ u rappurtar

Spanja għandha tikkomunika lill-Kummissjoni rapport imfassal skont il-pjan ta' monitoraġġ stabbilit fil-pjan ta' ġestjoni msemmi fl-Artikolu 1(c), għall-ewwel darba sal-1 ta' Ottubru 2020 u, wara dan, kull 12-il xahar.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2020 sal-1 ta' Marzu 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Settembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN